MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' 26 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1277/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited**
**U din ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta estera CGU Insurance plc kif Surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Erika Grech u l-istess Erika Grech**

**Vs**

**Christopher Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm221.43) danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Ottubru 2000 gewwa San Pawl il-Bahar bejn il-vettura numru CBA 215 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru ERI 001 misjuqa mill-attrici.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jikkontesta l-kawza u milli jidher ghas-seduti.

Semgha lill-attrici tispjega l-mod kif sehh l-incident.

Ra d-dokumenti li gew prezentati fis-seduta tal-lum.

Mill-verzjoni tal-fatti jirrizulta bl-iktar mod inekwivokabbli li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-2 ta' Ottubru 2000 (ara wkoll f'dan is-sens l-okkorrenza li saret mill-pulizija li nvestiga l-kaz).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm221.43) in kwantu ghal Lm86.43 lis-socjea attrici assikuratrici u s-somma ta' Lm135 lill-attrici Erika Grech.  Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi l-ispejjez legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**